# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 18 ta' Jannar, 2001**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 1223/95 JF**

**Kenneth Coleiro bhala Direttur f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Coleiro General Supplies Limited**

**vs**

**Anthony Frendo u Victoria Frendo, mizzewgin flimkien**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut Anthony Frendo in forza ta' skrittura datata 13 ta' Settembru 1994, kopja esebita Dok 'A' kien dahal fi ftehim ta' esklusivita' mas-socjeta' attrici ta' prodotti ta' zebgha tal-vetturi tal-isem "Max Meyer";

U premess illi kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut ivvjola l-artikolu 5 tal-kuntratt u ghalhekk irrenda ruhu responsabbli ghall-hlas ta' penali ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000) lis-socjeta' attrici.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Anthony Frendo ivvjola d-dispozizzjonijiet tal-kuntratt tat-13 ta' Settembru 1994 u konsegwentement irrenda lill-konvenuti responsabbli li jhallsu lis-socjeta' attrici l-penali ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000);

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidament ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) bhala penali in konsegwenza ta' tali vjolazzjoni kontrattwali;

Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Anthony u Victoria konjugi Frendo fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tal-attur nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi permezz tal-ittri esibiti bhala Dok AF u AF1 il-kuntratt de quo gie xolt amikevolment u bla ebda riserva u kwindi xejn mhu dovut mill-konvenuti.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost id-ditta attrici stess vjolat l-artikolu 2 tal-istess kuntratt b'tali mod illi l-kuntratt stess ma seta' qatt jigi esegwit mill-konvenuti u kwindi xejn mhu dovut mill-konvenuti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' penali riferibbilment ghal skrittura maghmula bejn il-partijiet kontendenti in data tat-13 ta' Settembru 1994 – ara Dok A, fol. 5.

Skond l-attur nomine u wliedu, ko-diretturi tas-socjeta' Coleiro General Supplies Limited, il-konvenuti vvjolaw paragrafu numru 5 ta' dan il-ftehim li jistipula kif gej:

> *"You (i.e. il-konvenuti) may only stock your shop with our products. Should you wish to stock any other products you are to obtain the prior permission in writing ……"*

L-attur nomine jinsisti li din il-klawsola giet ivvjolata u allura l-konvenuti gew passibbli ghall-hlas ta' penali li l-imsemmi ftehim gja' jikkontempla billi jispecifika l-ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghal kull vjolazzjoni kontrattwali.

Min-naha taghhom il-konvenuti eccepew li l-ftehim kien gie xolt b'mod amikevoli u li xejn ma kien dovut. Bla pregudizzju eccepew ukoll li kien

l-istess attur nomine li kiser il-ftehim bi vjolazzjoni tal-artiklu 2 billi hu qatt ma fornixxa sodisfacentement lilhom bil-prodotti tieghu.

Il-pern ta' din il-vertenza huwa jekk hemmx tassew prova li fil-pendenza tal-ftehim, il-konvenuti stokkjaw jew le prodotti ta' terzi bi ksur ta' dak li ftehmu ma' l-attur nomine.

L-attur nomine u z-zewg uliedu Louis u Paul Coleiro xehdu dwar il-karattur intraprendenti izda diffikultuz tal-konvenut Anthony Frendo meta dan kien impjegat maghhom. Tant li dan Anthony Frendo ma baqax izjed fl-impjieg pero' wara zmien intlahaq ftehim li dan ikun "sub-agent" taghhom u, kwindi gie redatt u ffirmat il-ftehim de quo fid-data tat-13 ta' Settembru 1994. Dana jfisser li dawn il-fatti kollha antecedenti ghal dana l-ftehim mhumiex strettament rilevanti ghal fini tal-kawza. Jekk xejn, dawn il-fatti juru li skond l-attur nomine u x-xhieda tieghu, il-komportament tal-konvenut kien pjuttost imprevedibbli, brusk u impulsiv.

Illi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut Anthony Frendo esebixxa kopja ta' ittra li baghat lill-kontroparti – ara Dok AF, a fol. 13 tal-process, fejn wara li jaccenna ghal telefonata precedenti li kellu mal-attur nomine huwa zied li:

> *"I hereby confirm that I, Anthony Frendo, of the above address, do not require the sub-agency of Max-Meyer Paints any longer".*

Dina l-ittra hija datata t-28 ta' Frar 1995, cjoe' hames xhur u nofs wara li gie milhuq il-ftehim. Din it-terminazzjoni giet accettata mhux biss tramite l-ittra responsiva tad-9 ta' Marzu 1995 – Dok AF1, fol. 14 – imma skond ma jirrizulta mix-xhieda tal-attur nomine stess huma accettaw dan ix-xoljiment ghax ighidu li ma kellhomx alternattiva ohra. In segwitu, pero' talbu li minnufih il-konvenut ihallashom il-bilanc li kien hemm pendenti maghhom u li jirritornalhom xi apparat u oggetti mislufin lilu – ara l-ittra tad-9 ta' Marzu 1995 surreferita. Il-konvenut ottempera ruhu ma' din it-talba. Jigi hawn osservat li fl-ittra surreferita ffirmata minn Paul Coleiro, bhala l-Managing Director, ma hemm l-ebda referenza ghall-hlas ta' penali. Din it-talba jidher li saret wara separatament.

l-attur nomine, in sostenn tat-talba tieghu esebixxa erba' ritratti – ara Dok PC2 sa Dok PC5 – biex juri kemm tabilhaqq il-konvenut kien beda jistokkja zebgha u prodotti ta' haddiehor. Paul Coleiro, in kontro-ezami (fol. 24) xehed li dawn ir-ritratti ma hadhomx hu imma ttiehdu minn haddiehor li baqa' ma xehedx. Bihom ried juri x-xhud li dawn kienu "ittiehdu fl-istess perjodu ta' l-ittra tieghu". Issa mir-ricevuti (a fol. 31) temergi d-data tat-2 ta' Marzu 1995, cjoe' data <u>posterjuri</u> ghall-ittra mibghuta lilhom mill-konvenut, imqar jekk bi ftit granet biss.

Paul Coleiro ma setax jikkonferma jekk kienx cempillu l-konvenut qabel dan baghatlu din l-ittra. Filwaqt li fl-ittra tieghu, il-konvenut jindika d-data tat-22 ta' Frar 1995 riferibbilment ghal din il-konverzazzjoni bit-telefon li jghid li kellhu mal-kontroparti, l-attur nomine jghid li billi kienu ghaddew sentejn sal-waqt li telgha jixhed, ma kienx jiftakar b'tali abbokkament bit-telefon mal-konvenut.

Fil-kors tax-xhieda tieghu, lil Paul Coleiro saritlu din id-domanda esplicita in kontro-ezami:

> *(fol. 25)- "Inti qed tghid li (il-konvenut) irranga ma' xi haddiehor, dan tafu bhala fatt jew qed tghidu ghax rajt* dak *ir-ritratt?"*

U r-risposta (fol. 26) kienet is-segwenti:

> *"Le, nistghu nipprovdu xhieda li dawn jikkonfermaw illi dan kien diga' qed ibiegh prodotti ohra."*

Il-Qorti stenniet lix-xhud iressaq xhieda barranin in sostenn pero' hu ressaq biss impjegati tieghu.

Bl-istess mod, l-attur Kenneth Coleiro, mistoqsi mill-avukat tieghu (fol. 40) jekk ghamilx xi investigazzjonijiet sussegwenti dwar x'kien qed jigri qabel jew x'kien qed jigri wara, dan xehed hekk:

*"L-uniku haga li nista' nghid hu li certu klijenti qalulna li kienu qed jistennewha ghaliex kien diga' beda jghidilhom minn qabel lidan se jgib ditta ohra. Meta ahna saqsejna l-klijenti ghaliex ma qalulniex qabel, dak li jkun hadd ma jrid jidhol fiha." (sottolinear tal-Qorti).*

Fil-fatt ebda wiehed minn dawn is-suppost klijenti ma gie prodott b'xhud mill-attur nomine.

Illi ghalkemm huwa minnu li Kenneth Coleiro xehed (fol. 49 – 50) li hu personalment qabad lill-konvenut jaghmel ftehim minn taht ma' klijenti taghhom a skapitu tas-socjeta', dan l-agir kien indubbjament antecedenti ghall-ftehim li ta lok ghal din il-kawza. Di fatti dan ix-xhud jelabora li wara sensiela ta' twissijiet u agir inaccettabbli ghalihom (fol. 50),

*" …… Dak il-hin kien gie deciz li jiffirmaw il-kuntratt u dan jitlaq mill-post!*

Fi kliem iehor, l-attur nomine kien gja' ha l-mizuri li kellu jiehu kontra Frendo, pero' wiehed ghandu jzomm distinti dawk il-fatti li allegatament graw qabel il-ftehim minn fatti li allegatament sehhew wara. Fil-fehma tal-Qorti l-provi tal-attur nomine kienu jikkoncernaw l-agir ta' Anthony Frendo qabel il-ftehim, filwaqt li dak li suppost jekk in segwitu tal-ftehim baqa' ma giex sufficjentement ippruvat. Ix-xhieda ta' Godfrey Moran, Hilary Mc Kormak u Robert Massa hija kollha kemm hi intavolata u

relatata mal-agir tal-konvenut qabel il-ftehim, u taht dan l-aspett hija rrilevanti.

Il-konvenut xehed, bla ma gie kontradett, li dak li kien spingieh biex jittermina l-ftehim kien il-mod mhux professjonali, anzi skadut, li bih l-attur nomine kien jikkonduci l-intrapriza tieghu. Hu jghid li dan gieghlu jinfurmah li ma kienx fi hsiebu jkompli jinnegozja aktar mieghu, cemplilhom u kitbilhom f'dan is-sens, irrispondewh biex ihallas il-bilanc u jirritorna l-oggetti proprjeta' taghhom u huwa ghamel dan.

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-premessi attrici ma jirrizultawx provati ghas-sodisfazzjon taghha;

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md